GVERN TA' MALTA
MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM
U ASSESSJAR

## ĊIRKULARI

**Data:** 10 ta' Novembru 2021 **Ref:** DLAP 327/2021

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat, tal-Knisja u Indipendenti

**Mingħand:** David Muscat – Kap Eżekuttiv, Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu

**Suġġett:** Il-Librerija Virtwali 'Aqrali Ktieb/Read me a Book'

---

Fil-librerija ta' filmati tal-programm 'Aqrali Ktieb/Read me a Book' tal-Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu wieħed isib sessjonijiet ta' qari għall-gost maħsuba għal tfal ta' bejn l-ewwel snin u l-11-il sena. Dawn is-sessjonijiet saru bil-Malti u bl-Ingliż mill-animaturi tal-qari tal-Aġenzija.

L-Aġenzija qiegħda toffri din il-librerija virtwali lill-edukaturi u l-ġenituri/kustodji tat-tfal kollha. Min japplika jkun jista' jissellef żewġ sessjonijiet, waħda bil-Malti u oħra bl-Ingliż, kuljum. Dawn il-filmati huma bla ħlas imma jistgħu jintużaw biss għal tliet sigħat. Il-ġenituri/kustodji huma mistiedna jagħżlu s-sessjonijiet minn dawn il-katalgi: https://education.gov.mt/en/nationalliteracyagency/Pages/Resources/Lets-Read-Together.aspx

Biex tissellef filmat trid tibgħat ittra elettronika lil kurt.lee.azzopardi.2@ilearn.edu.mt u tagħtih din l-informazzjoni:

- It-titlu tas-sessjoni;
- L-età tat-tfal (0-3, 3-7 jew 7-11-il sena);
- Id-data u l-ħin meta tixtieq tara s-sessjoni.

Il-filmati jintwerew:
mit-Tnejn sal-Ġimgħa: fid-9:00, in-12:30, l-16:00 jew is-19:00 u
s-Sibt: fid-9:00 jew f'12:00.

Is-Sur Kurt Azzopardi jipprovdi l-ħolqa u l-password tal-filmat/i b'ittra elettronika. In-numru tat-telefown tiegħu huwa 2598 2994.

Grazzi tal-attenzjoni.

**Sandra Ebejer**
**Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**